MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1040/2010

**Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited**

**vs**

**Victor Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-15 ta' Ottubru 2010 li jghid hekk:

1. Premess illi l-esponenti Avukat Dottor George J. Cutajar ghandu r-rapprezentanza guridika tal-esponenti u jaf peronalment il-fatti hawn kontenuti;

2. Premess illi l-koperattiva rikkorenti bieghet u kkonsenjat lill-intimat diversi partiti ta' majjal frisk u dana ghall-valur komplessiv ta' Euro 29,580.13 (disgha u ghoxrin elf, hames mija u tmemin Euro u tlettax-il centezmu);

3. Premess illi in konnessjoni mal-istess talba il-koperattiva attrici baghtet ittra legali lill-intimat tramite il-konsulent legali taghha fit-2 ta' Gunju 2009 fejn talbet il-hlas (kopja tal-ittra Dok. A anness);
4. Premess illi l-intimat irrisponda l-istess ittra tramite ittra tal-konsulent legali tieghu fid-9 ta' Gunju 2009 (kopja anness Dok. B) li fiha l-istess intimat ammetta li huwa debitur tal-koperattiva attrici u talab ftit zmien ghall-hlas u in effett fl-istess ittra l-istess intimat jidher li "awtorizzani ninfurmak li huwa m'huwiex se jikkontesta l-ammont li l-koperattiva qieghda tippretendi li ghandha tithallas";

5. Premess ukoll illi l-koperattiva attrici akkordat zmien lill-konvenut sabiex dana jhallas u dana kif jidher mill-annes Dok. C u cioe e-mail tal-konsulent legali taghha mibghuta lill-konsulent legali tal-intimat mibghuta fit-23 ta' Gunju 2009 izda nonostante dan ma ser ebda hlas;

6. Premess ukoll illi shansitra wara ittra legali ohra tal-31 t'Awwissu 2009 (Dok. D annessa) l-istess intimat baqa' ma hallas xejn minn dak minnu dovut;

7. Premess illi jirrizulta bl-aktar mod car illi l-intimat m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq ghat-talba ghall-kundanna ghall-hlas u dana kif jidher mill-ittra tal-konsulent legali tieghu stess annessa u mmarkata bhala Dok. B;

8. Premess illi l-ammont pretiz fir-rikors odjern jikkostitwixxi debitu li huwa cert, likwidu u dovut u jirrikorru l-elementi kollha sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjjoni taghha bid-dispensa tas-smigh;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna d-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' Euro 29,580.13 (disgha u ghoxrin elf, hames mija u tmemin Euro u tlettax-il centezmu) dovuti lill-koperattiva attrici

bhala prezz ta' diversi partiti ta' majjal mibjugh u kkonsenjat lill-intimat;

Bl-ispejjez gudizzjari u drittijiet legali komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-2 ta' Gunju 2009, tal-31 t'Awwissu 2009 u taz-zewg ittri ufficjali tat-3 ta' Novembru 2009 debitament notifikati lill-konvenut u tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment u bl-mghaxijiet kummercjali dekorribli mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat li l-intimat gie debitament notifikat;

Rat ix-xiehda u dokumenti esebiti, senjatament ix-xiehda ta' Dr. George Cutajar li ghandu rapprezentanza guridika tas-socjeta' attrici u jaf peronalment il-fatti hawn kontenuti, li ddikjara illi l-intimat ma hallas xejn minn dak pretiz mis-socjeta' attrici fir-rikors guramentat taghha u li m'ghandux provi aktar;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. D annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimat), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------